# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.4

**Kap 5: Twieled Għalina**

**Lezzjoni 5.4: Marija qalet iva lil Alla**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jiskopru kemm hi kbira l-Madonna.
2. Isiru midħla mal-istorja tat-Tħabbira mill-Anġlu Gabrijel.
3. Jagħrfu li bħal Marija aħna wkoll irridu nħejju għall-miġja ta' Ġesu' Bambin.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



1. Flashcard bil- kelma **Ġesù**.
2. Preżentazzjoni għall-IWB b'rappreżentażżjonijiet artistiċi tal-Lunzjata.
3. Link minn Youtube meħud mill-film animat *A King is born.*
4. Karta ta' Taħriġ: *5.3 Marija qalet iva lil Alla.*

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Għin lit-tfal jiftakru dak li sar fil-lezzjoni ta' qabel **5.3 Sliem għalik Marija**. Staqsihom kif Marija għażlet l-isem ta' Ġesù għat-tarbija tagħha.
- Ħeġġiġhom biex jirrakkuntaw l-istorja tat-Tħabbira tal-Anġlu.



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

1. Għin lit-tfal isegwu l-ġrajja tat-tħabbira tal-anġlu permezz tal-link **Living Scriptures - Animated New Testament - King is Born**. Peress li l-istorja hija bl-Ingliż tista' tispjega x'inhu jiġri bil-Malti. Jekk it-tfal għandhom livell ta' fehem moderat jew tajjeb ħalli t-tfal isegwu mingħajr kummenti.
   http://www.youtube.com/watch?v=hwzSdCxfXsg
2. Staqsihom x'jaħsbu: Marija qalet 'iva' jew 'le' għal dak li qalilha Gabrijel? Nagħmluha ċara li Marija qalet 'iva' għaliex hi riedet tagħmel dak li hu tajjeb. Kif jkunu fehmu li Marija qalet 'iva' biex tkun il-mama' ta' Ġesù, nistaqsuhom kif huma jistgħu jgħidu 'iva' lil Alla huma wkoll. Ħalli t-tfal iġibu eżempji ta' mġieba tajba. Jekk isibuha iebsa biex jibdew isemmu eżempji agħtihom għażla:
   a. Ngħidu 'iva' lil Alla meta ma nħallix lil xi ħadd minn sħabi jilgħab miegħi jew meta nsellef il-kuluri.
   b. Ngħidu 'le lil Alla meta nitfi t-televixin u mmur il-mużew jew meta ninki lill-ħuti.
3. Stieden lit-tfal jifħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.3 **Marija qalet 'iva' lil Alla**. L-ewwel it-tfal jimmarkaw x'qalet Marija lil—Arkanġlu Gabrijel. Imbagħad ipinġu l-istampa tal-Lunzjata.

## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)

1. Marija dejjem qalet 'iva' lil Alla għalkemm kienet taf li mhux dejjem ħa jseħħ dak li tixtieq hi.
2. Tajjeb li anke aħna ngħidu iva lil Alla u nagħmlu dak li hu xieraq. Min-naħa l-oħra għandna ngħidu le għal dak kollu li jbegħdna minn Alla.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Meta ngħidu 'iva' għall-affarijiet tajbin inkunu, bħal Madonna, qed inħobbu aktar u nsiru aktar bilgħaqal. Naħdmu biex ngħidu 'iva' fit-tajjeb u le fil-ħażin.




## Niċċelebraw flimkien (Drammatizazzjoni)

- It-tfal jistgħu tirreċtaw l-istorja. Agħżel żewġt itfal: xi ħadd joqgħod Marija u xi ħadd joqgħod Gabrijel. Għin it-tfal jippruvaw jirrepetu u jiftakru l-vrus
  - *Gabrijel : "Sliem għalik (Marija), bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek."*
  - G*abrijel : "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."*
  - Marija : "*Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!"*



**Nitolbu**



Ngħidu flimkien **Is-Sliema** u nispjegaw il-kliem b'mod li t-tfal jistgħu jifhmuh.

| | |
|---|---|
| **Sliema għalik, Marija,<br>bil-grazzja mimlija,<br>il-Mulej miegħek,** | *Din hi l-parti li l-Arkanġlu Gabrijel qal lil Marija. Gabrijel qed jgħid 'ħelow' lil Marija u qed jgħidilha li bagħtu Alla l-Imbierek.* |
| **imbierka int fost in-nisa,<br>u imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesu** | *Din l-parti qalitha Eliżabetta, li kienet tiġi minn Marija. Eliżabetta qegħda tgħidilha kemm hi xortiha tajba li ser issir il-mama' ta' Ġesù u qegħda tbierek lil Ġesù li għadu ma twilidx u għadu ġo żaqq Marija.* |